P. Raniero Zammit OFM.Cap.

# Mitt Sena ilu

"Meta serqu l-Madonna, missieri, nannuwi, zijuwi, eċċ kien magħhom, u weħel il-ħabs jew multa, eċċ." Hekk tismagħhom jgħidu b'sens ta' kburija bosta mit-tfal, u t-tfal tat-tfal, ta' dawk l-irġiel u żgħażagħ li bis-saħħa tagħhom il-vara sabiħa tagħna, il-Madonna tas-Sacro Cuor, kapulavur tal-artist Ġirolamo Darmanin, ilha 99 sena toħroġ purċissjoni fil-Festa Titulari fil-knisja ddedikata lilha f'Tas-Sliema. Dan imqar meta l-istess Knisja kien baqgħalha tistenna tmien snin oħra biex issir Parroċċa.

**X'ġara sewwa fid-19 ta' Ġunju 1910**

Qabel ngħaddu biex naraw min kienu dawk li llum huma miżmuma bħala eroj ta' din l-epika, tajjeb wieħed ifakkar x'kienu ċ-ċirkustanzi li wassluhom biex iwettquha. Fil-ktieb "Il-Madonna u Tas-Sliema" miġbur u ppublikat minni bħala tifkira tas-Sena Marjana 1988, fil-kitba ta' P. Ġuzepp Vella OFM "Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor, pagni 69-70, insibu dan li ġej dwar il-Purċissjoni bil-Vara tagħna.

**Il-Purċissjoni**

"L-ewwel darba li l-vara għażiża tagħna għaddiet f'purċissjoni tbierek id-djar tagħna u d-devoti tagħha kienet fis-26 ta' Ġunju 1881, dak in-nhar li nġiebet tas-Sliema. L-entużjażmu u l-ħeġġa li ħassew id-devoti tagħha, dakinhar nisslu fihom ħerqa li dak li ġarrbu kien se jibqa' jiġi mwettaq kull sena. Imma nistgħu ngħidu li marru mqarrqa, għax il-purċissjoni ma ġiex mogħti permess għaliha. Il-Madonna riedet tgħaddi mill-prova ta' devozzjoni sinċiera ta' missirijietna. Għal xi żmien huma baxxew rashom għar-rieda tal-Awtorità Ekkleżjastika. Imma l-ferħ intern tagħhom ma setax jibqa' mistur. Sa mis-sena 1882 ġie mwaqqaf Kumitat biex jibda jieħu ħsieb il-festa esterna ta' kull sena. Din il-festa esterna baqgħet tikber minn sena għall-oħra. Id-devozzjoni li kellhom missirijietna lejn il-Madonna "Sinjura Tagħna tal-Qalb Ħelwa ta' Ġesù" nisslet fihom sens ta' mħabba, ta' dover u ta' kuraġġ qaddis.

Għaddew is-snin. Id-devoti tal-Madonna, dejjem imqanqlin minn devozzjoni sinċiera lejha, għamlu l-ewwel talba fl-14 ta' Ġunju, 1902, lill-Arċisqof Mons Pietru Pace, biex jagħti l-permess tal-purċissjoni. Għal din it-talba, il-Kurja baqgħet ma wieġbet xejn. Reġgħu għaddew is-snin li fihom il-festa esterna kienet issir mingħajr purċissjoni. Id-devozzjoni u l-imħabba kebbsu lid-devoti bil-kuraġġ. U hekk fis-17 ta' Ġunju, 1910, għamlu t-tieni talba flimkien ma' 500 firma. Il-Kurja bħal qabel ma tatx widen għax-xewqa ta' tant devoti tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù. Il-paċenzja bdiet tonqos, l-irjus bdew jisħnu, il-kuraġġ ikebbes qalb id-devoti. Dik is-sena l-festa kienet se tiġi ċċelebrata fid-19 ta' Ġunju. Kien jum li baqa' mnaqqax fl-istorja tal-Parroċċa tagħna.

Waqt li kienet qegħda ssir il-funzjoni ta' filgħaxija fil-Knisja, xi rġiel u ġuvintur daħlu fil-Knisja, qabdu l-vara u ħarġu biha f'leħħa ta' berqa u għamlu dimostrazzjoni kbira. Dan sar mingħajr permess la tal-Patrijiet wisq anqas tal-Awtorità Ekkleżjastika jew dik Ċivili. Il-Patrijiet quddiem dawk il-ħlejjaq ta' nies, quddiem dak l-entużjażmu kollu, ma setgħu jagħmlu xejn. Indaħlet il-pulizija u xi nies ġew imħarrka u miżmuma.

Hawn ma nistax ma nsemmix ġrajja, li għalkemm ma nsibuhiex miktuba fid-dokumenti tal-Kunvent, imma ħafna xjuħ tagħna jgħiduha. Waqt id-dimostrazzjoni għall-għarrieda li saret bil-vara, inqalgħet konfużjoni sħiħa. Dak il-ħin kienet għaddejja barunessa bil-karozzella biż-żwiemel, skont l-użu ta' dak iż-żmien għall-għonja, u kif din sabet ruħa mall-folla ferrieħa u minħabba l-isparar tal-musketterija, iż-żwiemel tnaffru u rvellaw. Il-barunessa, imbeżżgħa kif kienet, għamlet wegħda mal-Madonna li jekk ma jiġrilha xejn tagħtiha ż-żewġ brazzuletti tad-deheb li kellha fuqha. Minnufih iż-żwiemel waqfu u hi kompliet il-wegħda li għamlet. Min illum iħares lejn il-vara tas-Sultana Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù jilmaħ dawn il-brazzuletti waħda fl-id il-leminija tal-Madonna u l-oħra fir-riġel xellugi tal-Bambin.

Wara li kkalma kollox u kulħadd, il-Kumitat reġa' beda jkompli fix-xogħol tiegħu. Saru żewġ talbiet lill-Kurja, f'isem id-devoti tal-Madonna, waħda fl-24 ta' Ottubru u l-oħra fl-14 ta' Diċembru 1910, bil-firma ta' għoxrin persuna magħrufa li kienu ffirmaw l-"Umile Petizione dei devoti di Nostra Signora del Sacro Cuor alla Sliema". Għal din it-talba tal-Kumitat, il-Kurja wieġbet li t-talba trid issir mill-Komunità Franġiskana u mhux mis-sekulari. Mal-bidu tas-sena 1911 il-Kumitat ġabar 1150 firma u talbu lill-Gwardjan P. Feliċ Grima OFM biex ifittex jagħmel it-talba formali lill-Arċisqof f'isem il-Patrijiet u d-devoti tal-Madonna, biex jintalab il-permess tal-purċissjoni. Ir-Rev. P. Kustodju Serafin Xerri, O.F.M. għamel it-talba biex jilqa' t-talba tad-devoti. Din it-talba ġiet milqugħa mill-Arċisqof bid-digriet li ħareġ fit-22 ta' Mejju taħt dawn il-kundizzjonijiet li nsemmu:

1. Li t-toroq tal-purċissjoni jkunu Strada Santa Marija, Rudolfo u San Trofimu.
2. Li l-vara ma tkunx akkumpanjata minn xi banda mużikali.
3. Li ma jsirx ċapċip, jew briju, kemm fil-ħruġ tal-purċissjoni u kemm meta tidħol il-vara fil-Knisja.
4. Il-purċissjoni tidħol fil-Knisja mhux aktar tard minn nofs siegħa fuq l-"Ave Maria".

Għal din l-aħbar tant mistennija u mixtieqa n-nies infexxew f'dimostrazzjoni kbira ta' ferħ. Bdew tħejjijiet kbar biex il-festa ta' dik is-sena tkun turija ta' qima lejn is-Sultana tagħna u ta' radd il-ħajr. Il-festa waslet. Kien it-2 ta' Lulju, 1911, meta l-vara għażiża u devota tagħna ħarġet iddur it-toroq għat-tielet darba. Imma din is-sena kienet il-bidu ta' sensiela ġdida li ma kellha taqta' qatt ħlief f'xi żmien matul l-aħħar gwerra. In-nies ġiet bi ħġarha f'Tas-Sliema, ferrieħa u tgħaxxqet. Il-purċissjoni ma għaddietx skont il-kundizzjonijiet tal-Kurja. Il-pulizija taw il-permess li tgħaddi minn dawn it-toroq: Triq S. Trofimu, Triq S. Giovanni Battista, Triq il-Karmnu, Triq S. Piju V u mill-ġdid Triq S. Trofimu għall-Knisja. Id-devoti tal-Madonna kienu kuntenti u ferħana għax fl-aħħar raw ix-xewqa ta' qalbhom tiġi maqtugħa. Il-Madonna, minn naħa tagħha, bierket lil dawn id-devoti tagħha li tant ħadmu biex jagħtu l-akbar ġieħ lill-Madonna għażiża ta' qalbhom".

Dil-ġrajja storika fil-Knisja tagħna hija mniżżla b'ittri tad-deheb, u mtennija minn ġenerazzjoni għall-oħra. U bir-raġun! Il-mibki poeta Sliemiż, Patri Marjanu Vella OFM, fil-versi stupendi tal-"ORATORIO - MADONNA TAS-SACRO CUOR" li kiteb bejn l-1 u l-5 ta' Diċembru 1985, (u li ġie mmużikat b'maestrija mill-aqwa minn Mro. Joseph Vella) jgħid hekk dwar il-ġrajja tad-19 ta' Ġunju 1910, li saret bla permess ta' ħadd:

"Ejjew noħorgu l-Vara
la issa l-Patrijiet
Qegħdin fil-Kor għall-Għasar;
L-aħwa, naħdmu fis-skiet.
Noħorġu purċissjoni,
Induru mat-triqat;
ara li nimxu sewwa,
naħarbu il-bluhat.

Hawn hi, sa fl-aħħar ħierġa
il-ĠMIEL – fuq l-ispallejn,
ara kif waqqgħet fuqha
il-ħarsa tal-għajnejn.
Ma kienx egħmil ta' ħażen
Jew saħna ta' kburija,
**kienet imħabba mgħaġġla**
**li ħadet xebħ ta' ħtija.**

Sliemiżi, jum ta' mħabba
qed niktbu aħna llum,
u din il-ħeġġa tagħna
għidu, min jista' jlum?
Imqar jekk min ħariġha
qala' l-eħrex ċanfira,
tibqa' dil-ġrajja ħelwa,
xhieda ta' mħabba kbira."

Imbagħad, meta sena wara fil-Festa li ħabtet nhar il-11 ta' Lulju 1911, u l-Vara ħarġet wara li ngħataw il-permessi kollha meħtieġa kemm mill-Awtoritajiet tal-Knisja kif ukoll mill-Pulizija, P. Marjanu jerġa' jfakkar din l-okkażjoni fl-istess "ORATORIO", u jgħid:

"Bdiet toħroġ, purċissjoni sena wara
bil-barka ta' kulħadd, u dakinhar
TAS-SLIEMA dwiet bil-għajta tal-imħabba
u qalbha tajret ix-xrar ħaj tan-nar.

U baqgħet toħroġ, sena wara sena,
xhieda ta' devozzjoni dejjem ħajja,
u tibqa' toħroġ, la l-Madonna ntisġet
ma' tal-Paroċċa, u ma' ta' ruħna l-ġrajja."

**X'ra b'għajnejh Tillu Monsigneur**

Is-Sur Attilio (Tillu) Monsigneur, li twieled tas-Sliema fl-1902, kellu tmien snin dakinhar li "serqu" l-Madonna fid-19 ta' Ġunju 1910. Kien joqgħod 76, Triq Annunzjata, Tas-Sliema fejn kien joqgħod ma' ibnu. Waqt intervista li kont għamiltlu kien qalli li kemm hu nnifsu kif ukoll il-bosta ħutu li kellu, kienu lkoll devoti kbar tal-Madonna tas-Sacro Cuor, u hekk għadhom ilkoll sal-lum flimkien ma' wliedhom kollha, imqar jekk uħud minnhom imsiefrin. Il-familja tagħhom kienu joqogħdu dejjem qrib il-Knisja tagħna. Hu nnifsu flimkien ma' martu Lucy (RIP) u wliedu kien joqgħod mal-ġenb tal-Knisja, ħdejn il-Kunvent, f'Triq il-Knisja, sakemm saret id-diżgrazzja tal-1 ta' April 1942, u d-dar saritilha ħsara kbira li kellhom bilfors joħorġu. Tillu kien fin-Navy Ingliża li magħha ingaġġa qabel il-gwerra tal-1914 - 1918 u baqa' sa wara l-aħħar gwerra tal-1939 - 1945, u ra l-għarqa kemm-il darba.

Dwar id-data storika tad-19 ta' Ġunju 1910 jgħidilna li bħas-soltu, hu u ħutu flimkien mal-ġenituri tagħhom, kienu minn tal-ewwel fil-knisja biex igawdu l-Festa tal-Madonna. Li kif għidna kienet isir ġewwa biss, għalkemm bil-kbir ukoll. Il-Knisja kienet fgata bin-nies u mballata tant li bosta kellhom igawdu l-funzjoni minn fuq iz-zuntier. Barra u ġewwa kullimkien armat, bil-Banda "La Valette" idoqq barra fit-toroq. Iżda bla purċissjoni. Hekk għall-anqas kienet sa dakinhar. Fl-aħħar tal-funzjoni ra ċ-ċaqliq ta' nies ippustjati kollha mal-Knisja 'l hawn u 'l hinn, u f'salt wieħed ġgajta żgħażagħ u rġiel oħra li tista' tgħid kulħadd jafhom ħatfu l-Vara tal-Madonna fuq spallejhom, oħrajn warrbu s-siġġijiet min-nofs u ferrxu n-nies, waqt li f'ħakka t'għajn il-Madonna għebet mill-Knisja għal fuq iz-zuntier u fit-toroq, waqt li kulħadd jgħajjat Viva l-Madonna, iċapċap, iwerżaq bil-ferħ, bl-eċċitament u l-istorbju li qam. Wara, meta rritornaw bil-Vara fil-Knisja, qegħduha f'postha u komplew il-briju bejniethom barra mal-bqija tal-folla entużjażmata b'dak li ġara.

Tillu semmieli wkoll li jaf tajjeb lil bosta minn dawk li ttellgħu l-Qorti mill-Pulizija u li weħlu xi ħaġa peress li "din l-imħabba ħadet xebħ ta' ħtija". Qalli wkoll li minbarra li ġew imħarrkin, kien hemm bosta u bosta oħrajn li ma nqabdux, "kif setgħet il-Pulizija tħarrek lil kulħadd li ħa sehem f'din l-affari, daqs dawk nies". U qalli wkoll li meta l-Gwardjan tal-Kunvent u Rettur tal-Knisja ġie mistoqsi mill-awtorità jekk rax xi ħaġa, u jekk ra l-għaliex ma żammhomx, it-tweġiba kienet: "Kif stajt inżommhom jien, jew il-Patrijiet l-oħra; il-Madonna mhux tagħhom? U xi stajna nagħmlu aħna quddiem folla immensa ta' nies bħal dik?"

**Sehem Mikiel Anġ Żammit, nannuwi!**

Hawn jidħol is-sehem ta' nannuwi, Mikielanġ, li kien wieħed mill-perċimes tad-19 ta' Ġunju 1910 fil-knisja tagħna. Iżda kien wieħed minn dawk li ma nqabdux, mhux tort tiegħu, imma minħabba l-biċċa xogħol li ħa ħsieb iwettaq. Xogħlu dakinhar kien li f'ħin sewwa qabel, hu jidħol ġol-bankun tal-bradella tal-Vara minn speċi ta' bieba ċkejkna li kien fih, joqgħod mistoħbi hemm ġew sakemm jingħata sinjal biex iħoll boltijiet u attrezzi oħra li bihom kienet marbuta l-vara mal-bankun. U hekk għamel. Għalhekk billi ma deherx mall-folla li ħatfu l-Vara, hu seta' joħroġ bil-libertà u ma rah ħadd, jew min rah ma tkellimx u allura ma kienx hemm xhieda.

Fil-familja tagħna għadna nisimgħu lil missieri u liz-zijiet jirrakuntaw li għalkemm in-Nannu kien iħobbha l-qatra u dakinhar tal-Festa kien is-soltu jixrob imqar xi nofs pinta żejda, nhar id-19 ta' Ġunju ma missx la xorb u bilkemm kiel. Meta n-nanna staqsietu għax mhux ser jiekol, wieġeb li ma kienx iħossu f'siktu. Wara imma saret taf x'kienet il-vera raġuni. In-Nannu kien joqgħod fid-dar illum 78, Triq San Trofimu, tas-Sliema, mal-familja, fosthom missieri, ħuh Lwiġi, missier Maestro Michael Anġ Żammit (li jiġi wlied l-aħwa miegħi), u oħthom iz-zija Marietta miżżewġa Annati (żewgha Manwel kien wieħed mill-Fundaturi tal-Banda SLIEMA u wkoll ħu t-tieni Kappillan tal-Parroċċa tagħna, P. Gwido Annati). Mur ġibu llum in-Nannu u sħabu l-oħrajn li organizzaw l-affari kollha jarawna, uliedhom, infakkruhom b'dil-kitba għal dak li għamlu għalina u ta' warajna, mbuttati b'imħabbithom tħeġġeġ lejn is-Sultana Tagħna u l-Knisja, li huma nisslu ġo fina. Żgur li għadamhom fil-qabar jifraħ magħna f'dil-Festa tal-lum.

Dan l-artiklu inkiteb minn P. Raniero Zammit OFM Cap. fis-sena 1991 u ġie ppubblikat fir-rivista Leħen il-Banda Sliema tal-istess sena.